**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 86/2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs**

**Emanuel Mallia**
**(ID 354082(M))**

**Illum: 24 ta' Frar 2021**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat **Emanuel Mallia** ta' 31 sena, iben Alfred u Giuseppa nee' Tanti, imwieled il-Pieta`, nhar is-16 ta' Ġunju 1982, residenti 51, Triq San Fidiel, Ħamrun, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 354082(M);

Akkużat talli fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 ta' Diċembru 2013 f'Paceville, San Ġiljan u/jew fi bnadi oħra ġewwa dawn il-Gżejjer u fil-jiem ta' qabel din id-data:

1) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta'

Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, **liema droga nstabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.**

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-4 ta' Novembru 2015, l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tiegħu;

Rat it-talba tad-difiża magħmula minnha fl-istess seduta, li permezz tagħha talbet lil din il-Qorti sabiex tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u sabiex tressaq il-provi biex turi li r-rekwiżiti meħtiega ai termini ta' l-Artikolu 8(2) tal-istess Kap. 537 huma sodisfatti[1];

Rat illi din it-talba ġiet irtirata fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2016[2];

Semgħet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li kienet qegħda tirrimetti ruħha għall-provi prodotti u semgħet it-trattazzjoni finali tad-difiża.

**Ikkunsidrat:**

Illi in sostenn tal-imputazzjoni miġjuba kontra l-imputat, <u>il-Prosekuzzjoni</u> ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **PS 891 Oscar Baldacchino** xehed illi fl-14 ta' Diċembru 2013, flimkien ma' pulizija oħra mill-Iskwadra kontra d-Droga, kienu qegħdin fuq ronda ġewwa Triq San Ġorġ, Paceville, fejn ħin minnhom innutaw lill-imputat odjern ħiereġ minn *taxi*, waqqfuh u għamlulu tfittxija. Skont ix-xhud, il-movimenti tal-imputat hekk kif ħareġ mit-*taxi* kienu suspettużi, u kien

[1] Ara a fol. 6 u 7 tal-proċess.
[2] Ara a fol. 14 tal-proċess.

għalhekk li waqqfuh. Mill-but tal-lemin tal-*jeans* tal-istess imputat ġew elevati ħames *sachets* ta' kulur abjad, suspettati droga kokaina, kif ukoll xi flus u *mobile phone* tal-marka Samsung. Huwa ngħata d-drittijiet tiegħu u sussegwentement ittieħed ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija[3].

2. **L-Ispettur Gabriel Micallef** xehed illi fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 ta' Diċembru 2013, pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga għaddew għall-arrest tal-imputat wara li sabuh fil-pussess ta' numru ta' boroż bi trab abjad suspettat kokaina. L-istess imputat irrilaxxja stqarrija fl-14 ta' Diċembru 2013 għall-ħabta tas-2.00 a.m., wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi u d-dritt li jottjeni parir legali qabel l-istqarrija tiegħu, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx.[4] L-Ispettur Micallef esebixxa s-sustanza misjuba fil-pussess tal-imputat bħala Dok. GM2.[5]

3. **Fl-istqarrija** rilaxxjata minnu fl-14 ta' Diċembru 2013 fis-2.00 a.m., l-imputat jikkonferma illi kien għaddej minn daqsxejn ta' problemi u illi fil-pakketti li nstabu fil-pussess tiegħu, kien hemm il-kokaina. Jgħid ukoll illi huwa kien jieħu l-kokaina fil-*weekend* biss għal dak l-aħħar xahar u nofs, li l-pakketti fil-pussess tiegħu kienu ntiżi għal dak il-lejl, li kienu għall-użu tiegħu, u li ħadd ma kien talbu biex jeħodlu l-kokaina. Ma jafx kemm xorob qabel mar Paceville u lanqas jiftakar kemm kien jieħu kokaina meta jkun Paceville. Nesa kemm ħallas għad-droga, ma jiftakarx minn fejn xtraha, ma kellux problema ta' flus u b'referenza għas-somma ta' €425 misjuba fil-pussess tiegħu, jgħid illi dawn kienu fuqu sabiex ikollu x'jonfoq. Ma jafx kemm nefaq flus dakinhar u ma jafx kemm kellu fuqu qabel ħareġ.

4. Mir-relazzjoni tax-**Xjenzat Godwin Sammut**, maħtur mill-Qorti sabiex janalizza Dok. GM 2[6], jirriżulta illi huwa ngħata *envelope* kannella mmarkat S/B/515/2015 li kien fih: i) *evidence bag* bin-numru A02902550 li kien fih ħames qratas tal-plastik trasparenti li kien fihom trab ta' lewn abjad.

   L-istess espert ikkonkluda hekk dwar dan id-dokument:

   Illi fuq estratti meħud mit-trab ta' lewn abjad instabet is-sustanza <u>kokaina</u>. Il-piż tat-trab kien ta' <u>2.53 grammi</u> u l-purita` kienet ta' ċirka 35%. Din is-

---

[3] Ara a fol. 8 u 9 tal-proċess.
[4] Ara l-istqarrija tal-imputat a fol. 12 u 12A tal-proċess u d-dikjarazzjoni tar-rifjut tal-parir legali, a fol. 13 tal-proċess.
[5] Ara x-xhieda tal-Ispettur Gabriel Micallef a fol. 10 u 11 tal-proċess.
[6] Ara l-verbal tas-seduta tal-4 ta' Novembru 2015, a fol. 6 tal-proċess.

sustanza hija kkontrollata bil-liġi taħt l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Mill-istess relazzjoni jirriżulta wkoll illi l-piż tat-trab f'kull qartas kien is-segwenti: 0.49 gramma, 0.48 gramma, 0.45 gramma, 0.69 gramma u 0.42 gramma.[7]

Illi da parti tiegħu, **l-imputat Emanuel Mallia** għażel li jixhed f'dawn il-proċeduri. Huwa jgħid illi dakinhar kien ilu jixrob minn xi nofsinhar ġewwa l-Ħamrun u f'xi ħin, tard bil-lejl, qabad *taxi* u mar Paceville. Skont hu, jaħseb li kien wara nofs il-lejl. Jgħid illi huwa ġie arrestat f'xi *taxi stand* ġewwa Paceville, ftit wara li niżel mit-*taxi*. Kien fis-sakra u ma felaħx isuq u kien ser ikompli jixrob. Jgħid illi huwa xtara s-sustanzi misjuba fil-pussess tiegħu għaliex kien ġej il-*weekend* u fuqu kellu xi ħames pakketti żgħar kokaina. Jgħid ukoll illi kellu *depression* u ħaseb illi bihom ma kienx ser jisker għax skont hu, jgħidu li bil-kokaina tibqa' f'sensik, iżda xorta siker. Iżid jgħid illi huwa kien ilu xi xahar jew xahar u nofs juża l-kokaina fil-*weekends* u illi dak iż-żmien "*kont ghandi kif zarmajt minn mal-partner u konna fil-business u hekk flimkien u qisek jaqbdek kollox ma' kollox*".[8] Xtaq jipprova jkampa lejl sħiħ barra, iżda lanqas isuq ma kellu ħila. Jgħid illi fuqu kellu ħames pakketti u "*nissoponi kelli iehor li wzajt*".[9] Mistoqsi x'kien ser jagħmel bihom, huwa jgħid illi kien ser ikompli jużahom u dawk li ma użax, kien ser jużahom l-għada. Jgħid illi f'lejl kien jieħu xi żewġ jew tliet pakketti droga. Dakinhar kien xtara għall-weekend, anke għaliex kien *weekend* twil u għalhekk xtara għall-Ġimgħa, is-Sibt u l-Ħadd. F'Paceville kien isib ħanut tan-nisa vojt u joqgħod jixrob għall-kwiet. Ma kellux intenzjoni li jaqsam mid-droga li kellu. Skont hu, din kien xtraha dakinhar meta ħareġ, filgħaxija, qabel mar Paceville. Diġa` kien ħa mid-droga qabel tela' Paceville. Jgħid in oltre illi huwa ilu mpjegat mal-istess kumpanija għal tmintax-il sena, u dak iż-żmien kellu wkoll in-negozju tiegħu. Dwar il-flus li nstabu fil-pussess tiegħu, huwa jgħid illi dawn ipperċepihom minn xogħlu u li huwa qatt ma kellu problema ta' flus. Jgħid illi miż-żmien tal-każ, qiegħed f'relazzjoni u kien mar ukoll l-Aġenzija Caritas ftit tal-jiem wara li ġie arrestat u minn dakinhar baqa' l-bogħod mid-droga.[10]

## Ikkunsidrat ukoll:

Illi jirriżulta sodisfaċentement ippruvat illi fil-lejl in kwistjoni, l-imputat instab fil-pussess ta' ħames qratas kontenenti l-kokaina ġewwa Paceville. Apparti x-xhieda ta' PS 891 Oscar Baldacchino li jgħid illi dawn il-qratas instabu fil-but

[7] Ara din ir-relazzjoni a fol. 17 *et seq* tal-proċess.
[8] A fol. 47 tal-proċess.
[9] A fol. 48 tal-proċess.
[10] Ara a fol. 43 sa 54 tal-proċess.

tal-qalziet tal-imputat, u l-analizi tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, mil-liema jirriżulta illi t-trab fl-istess qratas kien jikkontjeni s-sustanza kokaina, l-imputat stess jammetti kemm fl-istqarrija rilaxxjata minnu, kif ukoll fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri, illi huwa kien fil-pussess tad-droga kokaina.

Dak li qegħda tikkontesta d-difiża fil-fatt mhuwiex il-pussess tad-droga kokaina da parti tal-imputat, iżda l-pussess aggravat tal-istess droga u għalhekk id-difiża ssostni illi din id-droga kienet intiża għall-użu esklussiv tal-istess imputat.

Il-Qorti tqis illi l-fatt illi d-droga nstabet maqsuma f'ħames qratas, erbgħa mil-liema kienu ta' piż simili jew kważi identiku, tassew iqajjem suspett fl-imputat illi tali droga ma kinitx intiża biss għall-użu personali tiegħu. Tqis ukoll illi t-tweġibiet tiegħu fl-istqarrija rilaxxjata minnu kienu tassew xotti u illi fil-waqt illi fl-istqarrija tiegħu, huwa jgħid illi dawn kien bi ħsiebu jikkunsmahom f'lejl wieħed, fix-xhieda tiegħu f'dawn il-proċeduri huwa qal li dawn kien xtrahom għall-*weekend*. Madankollu, dawn il-fatturi ma jwasslux lill-Qorti għall-konvinċiment morali illi d-droga tassew ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tal-imputat. Jibda biex jingħad illi l-ammont tad-droga mhuwiex xi wieħed tali li mhux normalment assoċjat ma' użu personali. Fit-tieni lok, ma nstab xejn iktar fil-pussess tal-imputat li jista' jwassal lill-Qorti sabiex tikkonkludi illi d-droga kienet intiża għall-ispaċċ. Għalkemm mix-xhieda ta' PS 891 Oscar Baldacchino jirriżulta illi ġew elevati *mobile phone* u xi flus li kienu fil-pussess tal-imputat, u fl-interrogatorju tiegħu l-imputat ġie mistoqsi dwar dawn il-flus, la l-*mobile phone* u lanqas il-flus ma ġew esebiti mill-Prosekuzzjoni f'dawn il-proċeduri, li jfisser illi l-Prosekuzzjoni ma dehrilhiex illi dawn setgħu jsostnu l-każ tagħha. Fil-fatt l-imputat kellu mpjieg fiż-żmien in kwistjoni u m'hemm l-ebda prova fl-atti li turi li dawn il-flus kienu ġejjin mid-droga. Tqis ukoll illi skont l-imputat, huwa kien sejjer Paceville dak il-lejl, u f'dan is-sens ukoll, PS 891 Oscar Baldacchino jixhed illi l-imputat ġie arrestat hekk kif niżel minn *taxi* ġewwa Triq San Ġorġ, Paceville. Fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti tqis illi s-suspett fl-imputat jibqa' biss suspett u ma jwassalhiex għall-konklużjoni, fil-grad li trid il-liġi, illi l-pussess tal-kokaina da parti tiegħu ma kienx intiż biss għall-użu personali.

Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-imputazzjoni kif dedotta ma ġietx sodisfaċentement ippruvata, b'dan illi madankollu, l-imputat qed jinstab ħati tar-reat ta' pussess 'sempliċi' tad-droga kokaina.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Illi għal fini ta' piena, il-Qorti qegħda tqis il-fedina penali tal-imputat fiż-żmien tal-każ odjern, mil-liema jirriżulta li l-imputat instab ħati ta' reat kontravvenzjonali u reati taħt il-Kap. 449 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-fedina penali aġġornata tal-imputat baqgħet ma ġietx esebita mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti qegħda tqis ukoll il-piż tas-sustanza in kwistjoni, li kif diġa` ingħad mhuwiex wieħed tant sinjifikanti u illi mix-xhieda tiegħu, li f'dan ir-rigward ma ġietx kontradetta, jirriżulta illi l-imputat ma baqax jagħmel użu mid-droga.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat **Emanuel Mallia** mhux ħati tal-imputazzjoni kif dedotta fil-konfront tiegħu, in kwantu huwa ġie akkużat bir-reat ta' pussess ta' droga kokaina f'ċirkostanzi li juru li din ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu u qegħda tilliberah minnha, iżda qed issibu ħati tar-reat ta' pussess 'sempliċi' tad-droga kokaina, u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor fiż-żmien tmintax-il xahar mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-ħati bi kliem ċar u sempliċi l-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perjodu tal-liberazzjoni kundizzjonata.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tikkundanna lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż tal-espert maħtur f'dawn il-proċeduri ossia s-somma ta' mitejn u tlettax-il ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€213.29), rappreżentanti spejjeż konnessi mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien xahar mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga Dok. GM 2, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat